MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru 878/2009

**Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Charles Cutajar**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Charles Cutajar ta’ 38 sena, bin Carmelo u Joan Baptist nee’ Debono, mwieled fl-Awstralia fis-26 ta’ Awwissu 1970 u residenti fil-fond bl-isem ‘Charmar’, Triq iz-Zabrella, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 469586(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer, fid-29 ta’ Lulju 2009 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe’ kkommetta serq ta’ kwantita’

ta' mudelli w accessorji taghhom ghad-dannu tad-dirigenti tal-kumpanija Playmobil (Malta) Ltd. liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess zmien, u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfligig l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal-hlas ta' spejjes li kellhom x' jqasmu mal-hatra ta' epserti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Awwissu 2009 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2009 ghall-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta, l-fatt li rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li res furtiva tinsab fil-pussess tal-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 268 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah sena(1) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn(2) millum. Stante li t-tieni(2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------